# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Att ta' Akkuza numru 14/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Justin Zahra**
**Wayne Pisani**

Illum 31 t'Awissu, 2021

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tal-Akkuza numru 14/2012 mahrug kontra l-akkuzati Justin Zahra bin-numru tal-karta tal-identita' 181087M u Wayne Pisani bin-numru tal-karta tal-identita' 218687M :

Fl-**Ewwel Kap,** talli fit-13 ta' Novembru, 2009 ghall-habta tad-9.30pm f'Ta' Sliema, ipprokuraw, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw

id-droga kokajina minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga, kif ukoll li **Justin Zahra** rrenda ruhu recidiv.

Fit-**Tieni Kap,** talli fit-13 ta' Novembru, 2009 ghall-habta tad-9.30pm f'Ta' Sliema,kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom, kif ukoll li **Justin Zahra** rrenda ruhu recidiv.

Fit-**Tielet Kap** talli fit-13 ta' Novembru, 2009 ghall-habta tad-9.30pm f'Ta' Sliema, kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom, kif ukoll illi **Justin Zahra** rrenda ruhu recidiv.

Fir-**Raba Kap** talli fit-13 ta' Novembru, 2009 ghall-habta tad-9.30pm f'Ta' Sliema, kellhom fil-pussess taghhom il-mediċina psikotropika Benzylpiperazine (BZP) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellhom l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv taghhom, kif ukoll li **Justin Zahra** rrenda ruhu recidiv;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-akkuzati fuq kull Kap tal-Att tal-Akkuza kif registrata fil-jum li fih kellu jkun celebrat il-

guri taghhom, jigifieri fl-udjenza tat-30 t'Awwissu, 2021 quddiem din il-Qorti f'liema ammissjoni huma ppersistew anke wara li kienu imwissija minn din il-Qorti bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u nghataw zmien biex jahsbuha sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u dan skond l-artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-hatja Justin Zahra u Wayne Pisani ghall-fini ta' piena erogabbli fil-konfront taghhom;

Qieset is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensuri tal-akkuzati;

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli prosekutur mill-Ufficcju tal-Avukat Generali;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Illi ghalhekk wara l-ammissjoni inkondizzjonata tal-akkuzati ghall-kull Kap tal-Att ta' Akkuza, minnhom konfermata wara li l-Qorti akkordatilhom zmien li huma ddikjaraw li kien sufficjenti biex jikkonsidraw l-posizzjoni taghhom u wara li ddikjaraw li fehmu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u l-pieni marbuta mal-akkuzi dedotti kontra taghhom, ssib lill-**akkuzati** hatja tal-erba Kapi ta' Akkuza migjuba kontra taghhom;

Tiddikjara ukoll lil **Justin Zahra** wahdu recediv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-artikoli 2, 8, 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A. 24 u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, l-artikoli 40A (1)(2)(3), 120A(1)(a), (2)(a)(ii), (2A), (2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x' jaqsmu maghha, Kapitolu 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 tal-1985), L-Avviz Legali 77 ta' l-1988 u l-Avviz Legali 183 tal-1999 u l-artikolu 17 tal-Kap 9,

Wara li rat il-fedina penali tal-akkuzati u wara li tqis li l-akkuzati ghandhom jibbenefikaw bi tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena fit-termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta u dan wara li qieset dak li xehedu iz-zewg Ufficcjali tal-Pulizija u li hu korroborat mill-atti `processwali;

Wara li semghet lill-Ufficcjal tal-Probation tixhed dwar is-Social Inquiry Report minnha mhejji u pprezentat fuq inkargu ta' din il-Qorti dwar l-akkuzat Wayne Pisani u wara li ezaminat l-istess rapport fid-dettall;

Hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi dan il-kaz jirrisali lura ghas-sena 2009 u waqt l-indagini kondotta mill-Pulizija, l-akkuzati kienu rrilaxxjaw stqarrija fi zmien meta ma kien hemm l-ebda forma ta' assistenza legali li setghu jirrikorru ghaliha waqt li kienu fil-kustodja tal-Pulizija fl-hekk imsejjah *pre trial stage* u l- prova ta' traffikar tas-sustanza Kokaina kienet l-istess stqarrija taghhom kif jirrizulta mill-atti processwali stante li dak misjub fil-pussess taghhom kwantu din is-sustanza kien ammont f'total ta' 7.59 grammi. Ghad illi dan mhux ammont zghir u li wahdu, flimkien

mal-oggetti kollha misjuba u l-istat li fih instabet din is-sustanza seta' wahdu jaghti lok ghall-akkuza ta' pussess bl-aggravanti, kienet l-istqarrija taghhom stess li nkriminathom li kienu qed ibieghu din is-sustanza illecita. Dan qed ikun konsiderat mill-ottika tal-kuncett ricenti tal-*overall fairness of the proceedings* fejn allura dik il-parti tal-istqarrija rigwardanti t-traffikar tas-sustanza Kokaina kienet, tista' tghid, l-prova inkonputabbli, kwantu l-ewwel akkuza;

Konsegwentement qed tikkundanna lill-**Wayne Pisani** ghal terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500.00). Tikkundanna lill-**Justin Zahra** ghal terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur u ghal hlas ta' multa ta' tlett elef euro (€3,000.00);

Tordna ukoll lill-hatja li jhallsu is-somma ta' import ta' nofs tal-ispejjez peritali kull wiehed inkorsi f'din il-kawza fl-ammont ta' €2,140.98 kull wiehed inkorsi fil-hatra tal-esperti [rapprezentanti: relazzjoni ta' Godwin Sammut €302.32, relazzjoni ohra ta' Godwin Sammut €229.16, relazzjoni ta' Martin Bajada €580.94, relazzjoni ta' Joseph Mallia €1037.63, relazzjoni ohra ta' Joseph Mallia €1349.96, relazzjoni ta' PS 46 u PC 826 €217.56 u relazzjoni ta' Jeffrey Hughes €564.39], u dan fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

In oltre qed tqieghed ukoll lill-hati Wayne Pisani taht Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' sena millum fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, wara li wiegeb li hu dispost li joqghod ghal dan l-istess trattament;

Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli ohra tal-akkuzati;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tkun prezentata fi zmien hmistax (15) il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jkunu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**